MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 16/2010

Charles u Teresa konjugi Debono

vs

Anton Zammit

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fis-7 ta' April 2010, li jghid hekk :-

'Ghid inti konvenut il-ghaliex dan it-Tribunal ma ghandux jikkundannak thallas l-ammont totali ta' elf seba' mija u sebgha u sebghin ewro u erbgha u sebghin ewro centezmi (€1777.74) rapprezentanti s-segwenti:
(a) Elf mitejn u sittin ewro (€1,260) kera dovuta ghall-appartament bin-numru tnax (12), Karlu Flats, Triq Il-Qbajjar, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex, ghall-perjodu ta' bejn l-ewwel (1) ta' Dicembru elfejn u tmienja (2008) sa l-ahhar ta' Novembru elfejn u disgha (2009), liema

appartament gie mikri lilek mill-atturi bir-rata ta' tliet mija u hmistax –il ewro (€315) kull tliet xhur ;
(b) Mija u tmienja u sittin ewro u erbgha u sebghin ewro centezmi (€168.74) rapprezentanti kera tal-meters kif ukoll konsum tad-dawl u ilma ghall-appartament fuq imsemmi ghal matul l-istess perjodu cioe' Dicembru 2008 u Novembru 2009 ;
(c) Tliet mija u disgha u erbghin ewro (€349) rapprezentanti spejjez sabiex gie mibdul il-bieb ta' l-appartament mikri lilek wara li dan gie sgassat minnek jew minn persuni ohra fuq struzzjonijiet tieghek stess.

Minkejja d-diversi nterpellazzjonijiet li sarulek inti bqajt inadempjenti u ghalhekk l-atturi kellhom jipprocedu b'din il-kawza.

Bl-ispejjez gudizzjarji nkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tad-9 ta' April 2009, tas-26 ta' Mejju 2009, u dik ufficjali numru 481/2009 datata 13 ta' Lulju 2009, kif ukoll bl-interessi fuq is-somma dovuti mid-data tal-ispedizzjoni ta' l-ittra ufficjali sad-data tal-effettiv pagament.' ;

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fit-3 ta' Mejju 2010, eccepixxa :-

' 1. Preliminarjament, jintalab illi din it-talba tinstema' mill-istess Tribunal kif sedenti fil-Qorti ta' Malta, u dana ai termini tas-subartikolu 3(4) tal-.Kap.380, ghaliex dana jistipula illi t-Tribunal ghandu, sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha tkun qeghda ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha, u l-konvenut huwa Malti u residenti Malta, kif jidher mill-indirizz tat-tahrika kif ukoll mir-Registru Elettorali ;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, it-talbiet attrici ghandhom jincahdu bl-ispejjez kontra l-atturi ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba (a) kif stilata hija infondata ghaliex l-attrici Teresa Debono informat lill-konvenut fit-2 ta' Frar 2009, illi zewgha kien

ser ibiddel is-serratura tal-bieb tal-appartament. Il-konvenut ma regghax resaq lejn dan il-fond minn dak il-jum 'il quddiem wara li kien gie nformat b'dana l-att ta' spussess arbitrarju. Fi kwalunkwe' kaz allura, l-uniku ammont ta' kera li jista' jkun dovut huwa dak li ddekorra sal-istess 2 ta' Frar 2009, ghaliex minn hawn 'il quddiem huwa ma kellux il-godiment tal-fond bl-ebda mod u manjiera ;

4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma gedditdx il-kirja mill-1 ta' Gunju 2009, 'il quddiem, u ghalhekk ma jistax jinstab f'kull kaz, responsabbli ghal ebda ammont wara tali data ;

5. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba (b) rigwardanti kera tal-meters u konsum ta' dawl, hija ntempestiva ghaliex il-konvenut kemm –il darba talab lill-atturi illi jghidulu x'kien l-ammont dovut sal-jum meta huma abbuzivament spussessawh mill-fond *de quo*, u f'kull kaz hija nfondata ghaliex l-ammont mitlub jirreferi ghal perjodu hafna itwal minn dak li fih intuza l-fond mill-konvenut ;

6. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba (c) rigwardanti l-bieb ghandha tigi michuda fl-intier taghha ghaliex dana l-allegat dannu – jekk jezisti – ma ghamlux la l-konvenut u lanqas persuni mqabbda minnu ;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.' ;

Sama' l-provi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ;

Ikkunsidra :

L-eccezzjoni li biha l-konvenut invoka l-applikazzjoni tal-artikolu 3(4) tal-Kap.380, a kuntrarju tal-artikolu 741(c) tal-

Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12), ma jaghtix il-beneficcju lill-konvenut li jigi msejjah quddiem qorti partikolari skond jekk joqghodx fil-Gzira ta’ Malta jew dik t’Ghawdex, u lanqas mhuma applikabbli d-dispozizzjonijiet tal-artikoli 741(c) u 767 tal-Kap.12 ghall-proceduri li jigu ntavolati quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. L-Att numru V ta’ l-1995 johloq Tribunal ghal Talbiet Zghar wiehed biss. Dan kuntrarjament ghal dak li nsibu fil-kaz tal-qrati inferjuri fejn l-artikolu 4 tal-Kap.12 jipprovdi espressament ghal Qorti tal-Magistrati (Malta) ghall-Gzira ta’ Malta u ghal Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Attribuzzjoni Inferjuri ghall-Gzejjet ta’ Ghawdex u Kemmuna ;

L-uniku haga li jistipula l-Kap.380 huwa li t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f’Malta u Ghawdex u ‘sa fejn ikun prattikabbli, izommm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha’ [Art 3(4 tal-Kap.380]. Inghad li ‘il-kliem **sa fejn ikun prattikabbli** (*as far as practicable* fit-Test Ingliz) huwa kliem cjar u jhalli l-kwistjoni fid-diskrezzjoni assoluta tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar.’ [Appell Inferjuri, **John Portelli et vs Victor Cachia et**, deciza fil-11 ta’ Lulju 2002] ;

It-Tribunal qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’mod partiklari l-fatt li l-oggett ewlieni tal-kawza jirrigwarda reklam ta’ flus ghal kirja ta’ fond li jinsab Ghawdex, u cioe’ obbligazzjoni esegwita fi gzira partikolari, u wkoll il-fatt li n-numru ta’ xhieda minn Ghawdex jizboq in-numru ta’ xhieda li jridu jigu jixhdu minn Malta, huwa tal-fehma li jkun iktar prattikabbli li l-kaz jibqa’ jinstama’ f’Ghawdex. Il-konvenut meta gie mistoqsi mit-Tribunal kemm ghandu persuni li bi hsiebu jressaq bhala xhieda f’din il-kawza li jridu jigu minn Malta, wiegeb li hemm biss xhud wahda, li hija Josette Curmi ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi din l-eccezzjoni tal-konvenut billi jichad l-istess eccezzjoni u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------